BIRKIRKARA

Minuti tal-Erba' u Ghoxrin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Gimgha 21 ta' Novembru 2014 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sur Mark George Abdilla (Assenti Skuzat) |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sinjur Matthew Mangion |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

BIRKIRKARA

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sur John Mizzi, s-Sinjura Marie Claire Zammit, Dott. Josianne Cardona Gatt u s-Sur John Borg. Is- Sur Mark Abdilla kien assenti. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys kien hemm il – presenza ta' Dott. Francesca Zarb filwaqt li mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien hemm is-Sinjur Matthew Mangion. Ghal din il-laqgha kien hemm il-prezenza tal-publiku, filwaqt li ma kienx hemm prezenti l-ambaxxaturi. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

F'din il-laqgha kellhom jigu approvati il-minuti tal- laqgha numru 23 li saret fil-15 ta' Ottubru 2014.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Is-Sur Matthew Mangion staqsa x' kienet iffirmat is-Sindku rigward il-Kjosk li jinsab fis-Swatar, jekk kienx permess jew permess ghall-arlogg tad-dawl. Is-Sindku wiegbet li hi kienet qed tirreferi ghal permess tal-arlogg tad-dawl jew kif inhi maghrufa n-' *no objection'* biex ikun jista jehel l-arlogg tad-dawl.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti bin-numru 23

3.1 Il-minuti tat-tlieta u ghoxrin laqgha kienu tqassmu mal-agenda w ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-Kunsilliera prezenti li vvutaw favur, dawn kienu:- s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sur John Mizzi, s-Sinjura Marie Claire Zammit, Dott. Josianne Cardona Gatt u s-Sur John Borg. Il-minuti tal-laqgha 23 gew approvati mill-membri kollha prezenti u sekondati mis-Sinjur John Mary Calleja.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u Affarijiet li jirrizultaw mill-minuti numru 23.

4.1 Is-Sur Anthony Buttigieg staqsa jekk kienx hemm xi progress rigward il-laqgha li kellha ssir mas-Sinjorina Marthese Ebejer. Is-Sindku wiegbet li din il-laqgha kienet ghada ma saretx. Is-segretarju spjega li kellha ssir laqgha bejn is-Sindku, s-Sur Micheal Fenech Adami u S-Sur Charles Grech rigward din il-kwistjoni. Meta ssir din il-laqgha u jintlahaq ftheim, ghanda tigi msejhha s-Sinjorina Marthese Ebejer.

4.2 Rigward 7.4 Is-Sur John Mizzi staqsa kemm inghataw cittazjonijiet minn wardens u Green Wardens. Kemm is-Sur John Borg kif ukoll Dott. Josianne Cardona Gatt ilmentaw li kien hemm min qed jarmi skart anka skart goff f'hafna inhawi, specjalment hdejn skips ga mimlija. Is-Sindku qalet li ghandha tigbed l-attenzjoni tal-*Green Wardens* pero hi kienet certa li dawn kienu qed jaghmlu xogholhom.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kunsill – Lista Numru 16 u l-Petty cash

Il-Lista tal-pagamenti numru 16 u dik tal-Petty Cash kienet tqassmet qabel il-laqgha u ttiehdet bhala moqrija. Saret diskussjoni qasira.

5.1 Is-Sur John Borg staqsa rigward numru 35. Is-Sindku spjegat li din kienet l-ispiza ghall-*electrodes* li twahhlu meta saret l-attivita '*Birkirkara u l-Fuhhar*'. Is-Sur John Borg qal li dawn ghandhom jinqalghu wara li jkunu uzati ghax hemm cans tajjeb li dawn jigu misruqa. Ghalhekk dawn ghandhom jinqalghu u jergu jitwahhlu meta jkun hemm bzonn.

5.2 Dott Josianne Cardona Gatt staqsiet dwar diversi pagamenti li jidhru fil – lista tal-pagamenti li jeppartjenu ghall-attivita '*Birkirkirkara u l-Fuhhar*'. Hija staqsiet min kien qed jhallas ghal din l-attivita. Is-Sindku qalet li kien il-Kunsill li kien qed jaghmel tajjeb ghal dawn l-attivitajiet. Dott. Josianne Cardona Gatt staqsiet jekk il-Gvern kienx qed jaghti xi ghajnuna

ghal dawn l-attivitajiet. Is-Sindku spjegat li meta l-kunsill kien applika ghal fondi huwa gie moghti €1,000 ghal zewg attivitajiet. Hija kompliet tghid li kif johorgu l-applikazzjonjiet ghal-fondi ghal-attivitajiet, l-kunsill kien sejjer japplika. L-ghan principlai ta' dawn l-attivitajiet kien li jinghaqdu flimkien l-ghaqdiet Karkarizi u jorganizaw xi haga flimkien.

Il-lista tal-pagamenti kif ukoll dik tal-Petty Cash giet approvata mill-membri kolha prezenti u ssekondata mis-Sur Anthony Buttigieg.

## 6 Korrispondenza

6.1 L-Unika korrispondenza li kien hemm, kienet dik minghand l-ELC fejn dawn kienu qed jitolbu is-somma ta' madwar €54,000 dovuti lilhom bhala bilanc peress li l-kuntratt maghhom gie itterminat fil- 31 ta' Ottubru 2014.

## 7 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.1 Is-Sinjura Marie Claire Zammit staqsiet kienx minnu li n-nies tal-Gvern kienu qed inaddfu t-toroq fejn jarma l-monti wara li dan ikun zarma. Is-Sindku qalet li dan kien minnu pero kien qed jsir darba fil-gimgha.

## 8 Appovazzjoni tal-Financial Quarterly Reports

8.1 F'dan l-istadju s-Sindku talbet lis-Sur Christian Vella l-accounatnt tal-kunsill biex jaghti spjegazzjoni tal-Quarterly Financial Reports.

Is-Sur Christian Vella beda biex jghid li kien qed iressaq l-accounts tat-tieni u tielet kwart. Huwa zied jghid li wiehed kellu jiffoka fuq it-tielet kwart. F'dan ir-rapport jidher il-hrug u dhul li kellu l-kunsill. F'pagna 2 wiehed jista jahra dhul faverovli ta'€54,000 li huma maghmula minn *Grant* li nghata minghand il-Gvern biex jigu iffinanzjati l-extra ta' '*tipping fees'* li l-kunsill ma kienx qed jinkludi fil-kotba tieghu. Pero wiehed seta jara li kien hemm nuqqas ta' fondi

minn dhul ta' cittazzjonijiet. Dan peress li dawn il-fondi ma kienux sejrin jibqghu jidhlu minhabba li kienet giet fi tmiem is-sistema ta' *pooling*. Wiehed irid jghid li l-kunsill gie imwieghed li ghandu jircevi s-somma ta' madwar €86,000 biex jigu iffinanzjati progetti kapitali. Varjanzi ohra huma dawk li nholqu peress li l-budget jithejja fuq bazi ta' *cash* waqt li r-rapporti jithejjew fuq bazi ta' *cash plus commitments.* Fuq pagna 3 wiehed jista jara lista tal-ispejjes. Rigward pagi wiehed m'ghandux wisq xi jhid. Il-pagi huma dawk li huma ghalkhemm wiehed jista jara xi tibdil. Forsi s-sena d-diehla wiehed ghandhu jipprova jkun izjed preciz metra jsir il-budget. Tajjeb li wiehed jghid li din is-sena kien hemm xi tibdil fi- *status* ta' impjieg kif ukoll kien hemm rizenja. Fil-futur qarib hemm persuna li sejra tohrog bil ' *maternity leave'*. Rigward il-figura ta' *utilities,* li sat-30 ta' Settembru kien gie ibbuggidjat is-somma ta' €65,000, l-ispiza kienet dik ta' €41,000. Dan ma jfissirx li frankajna xi flus imma gara hekk minhabba li l-kunsill kien ghadu qed jistenna xi kontijiet mill-Water Services Corporation. Fuq *Repairs and upkeep* is-sitwazzjoni kienet l-istess. S'issa l-budget kien ghadu gie ezawrit. Pero dan kien qed jigi imgemma ghal l-ahhar kwart fejn is-soltu f'dan iz-zmien tas-sena l-ispejjes f'dan is-settur jizdiedu. Spiza ohra li tispikka hija l-ispiza kontratwali jigifieri spejjes ta' kuntratturi b'tenders. Spiza li zdiedet kienet dik tal-knis, fejn dak li qed inhallsu llum huwa ferm iktar ghola minn dak li konna qed inhallsu fil-passat u jaqbez is-somma prevista fill-budget. F'pagna 4 wiehed ghandu jsib l-ispejjes kapitali. Il-kunsill zamm ma dak li kien ipprevista fill-budget pero l-kunsill ghamel l-ispiza ta' €18,000 rigward l-inkwilin tal-bar ta' Gnien John Borg kif kien gie maqbul mill-kunsill stess. Spejjes ohra kienu dawk ta' *Prelimenary Tests* li saru fi Gnien l-Istazzjon, *Fixtures and Fittings* gewwa l-ufficcju, kif ukoll spiza ta' *Pots and Plants* li tpoggew f'diversi inhawi gewwa Birkirkara. Il-bqija tal-infiq kien '*within budget'.* Hu zied jghid, ghalhekk wiehed jistaqsi ghalfejn l-ammont ta ' dejn ma naqasx ? Huwa spjega li ghalkhemm il-kunsill kien qed jaghmel sforz biex dan l-ammont jonqos, l-allokazzjoni ma kientx bizzejjed biex tkopri l-infiq kurrenti ahseb u ara dawk kapitali. Progetti kapitali setghu jsiru biss minn fondi esterni. Minhabba haga jew ohra l-kunsill kien ghad ma rrnexielux li l-

ammont ta' dejn antik jitnaqqas. Huwa zied jghid li hemm periklu li xi kuntratturi b'pendenzi jistghu jiehdu passi legali u jgib l-kunsill fi problemi finanzjarji kbar. S'issa dan ma kienx il-fatt, probabli minhabba sforzi tas-segretarju, li b'diplomazzija irnexxilu jinnegozja ma' dawn l-istess kuntratturi.

F'dan istadju s-Sur Anthony Buttigieg staqsa kemm kien jammonta d-dejn. Is-Sur Christian Vella qal li dan jammonta ghall 67% jigifieri madwar €980,000. Barra dan, hemm xi flus dovuti li huma dubjuzi bhall dawk minn *Transport Malta*. Is-Sindku qalet li l-flus kienu imwedgha mis-Sur Johnathan Vella bla approvazzjoni tal-Bord. Is-Sur Micheal Fenech Adami qal li da ma kienx minnu u kien lest li jmur *Transport Malta* u jikkonferma dan. Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa lis-Sur Christian Vella kif id-dejn ma naqasx meta ma kienetx bsaret l-ebda spiza kapitali. Is- Sur Christian Vella qal li dan kien minhabba li d-domanda ghas-servizzi mill-publiku kienet zdiedet. Dott. Josianne Cardona Gatt issugerit li ghandha tintbghat ittra ufficjali lil dawk kollha li ghandhom jaghtu l-kunsill. Is-Sur Christian Vella qal li hu ma qabilx ma din it-triq ghax setghet tohloq izjed problemi.

Is-Sur Mangion staqsa kienetx problema li huwa jsir jaf  x' kien qed jintefaq ghan-nom tal-Kumitati Amministarttivi. Dott. Francesca Zarb qalet li anka hi xtaqet tkun taf x'inhu jintefaq ghan nom ta' Fleur-de-Lys ghax hafna drabi hi tigi mistoqsija mill-publiku fejn qed jintefqu il-flus allokati lil-kumitati. Is-Sur Christian Vella qal li dan seta jsir pero l-ammonti  jkunu cifri. Huwa zied jghid li wara li wiehed jnaqqas l-ispiza ghat-tindif tat-toroq, probabli li l-allokazzjoni tal-Kumitati Amministrattivi tkun spiccat. Iz-zewg chairpersons qablu li ghandhom jinghataw dawn l-istimi sabiex huma jkunu f'pozizjoni li jinfurmaw il-publiku kif kienu qed jintefqu l-flus meta jigu mistoqsija.

F'dan l-istadju is-segretarju ipprezenta l- '*e-mail*'  fejn is-Sur Johnathan Vella ikkonferma li Sqaq u Misrah it-Tigieg kellhom jinghataw it-tarmac ghas-spejjes ta' *Transport Malta*. Is-Sur Micheal Fenech Adami qal li f'dak iz-zmien bil-kariga li kellu s-Sur Johnathan Vella jigifieri dik ta' Deputy Chairman, hu ma kellux ghalfejn jkollu approvazzjoni tal-Bord.

Is-Sindku qalet li dan kien ftheim bhall ohrajn li kienu saru meta s-Sur Micheal Fenech Adami kien Sindku u kien jmissu jara kemm saru kuntratti wara dar il-kunsil,l bhal dak li sar mas–Sur John Galea ta' Gnien John Borg, liema ftheim lanqas kopja tieghu ma kellu l-kunsill. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li dan ma kienx minnu. Is-Sindku talbet lis-segretarju jikkonferma li l-kunsill ma kellux kopja ta' dan il-ftheim u li kellu jistaqsi lis-Sur John Galea Ghall-kopja tieghu. Is-segretarju ikkonferma dan billi qal li ma kienx sab l-ebda kopja ta' dan il-kuntratt.

F' dan l-istadju ittiehed vot u l-kamra approvat unanimament il-'Quarterly Reports'.

## 9 Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku qalet li hemm kuntratt fejn l-operatur ghandu jara li kuntratti kienu qed jigu ghandhom jsiru skond it-tender. Fil-fehma taggha hi qalet dan ma kienx qed jsir u ghalhekk dan il-kuntratt ghandu jitwaqqaf. Hija ziedet tghid li issa ghandu johrog tender gdid.

9.2 F'dan l-istadju dahal il-Prepostu l-gdid Dun Vincenz Cachia li laqgha l-istedina tal-Kunsill. Wara li l-kamra selmet lil-Propostu, Dott. Josianne Caruana Gatt qalet li hi xtaqqhet li l-kunsill jahdem izjed id f'id mal-knisja. Is-Sindku wiegbet li dan kien ga qed jsir. Il-Propostu qal li hu kien lest jipprezenta lill-kunsill is-set ta' regoli mahruga mill-knisja biex wiehed jkun jaf din tal-ahhar x'tista taghmel u dak li ma tistax.

9.3 Mill-publiku kien hemm is-Sur Cox li stqar li huwa kien favur l-isports u li fil-passat kien qed jaghmel uzu minn *pitch* tal-bocci gewwa gnien John Borg. Hu zied jghid li ma jistax jifhem kif hu gie mkecci minn dan il-post. Is-Sindku wiegbet li dan l-ilment kien anka deher fuq facebook. Hi ziedet tghid li l-kunsill kien hareg tender u l-persuna li rebhet dan it-tender kienet sejra

thallas €18,600 lill-kunsill. Din il-bicca art li s-Sur Cox kien qed jirrefera ghalija bhala *pitch* kienet bicca art bla uzu fil-passat u kien ghalhekk li thalla jaghmel uzu minnha. Issa l-operatur il-gdid kien talab li jagmel uzu minn din l-art biex jibni forn u ghalhekk hi ziedet tghid li wiehed ghandu jithalla jahdem meta dan kien qed jhallas dan l-ammont ta' flus.

## 10 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.20 pm u giet aggornata ghall-nhar l-Erbggha, 17 ta' Dicembru 2014 fis-6.00 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Arthur Pizzuto
Segretarju Ezekuttiv

Joanne Debono Grech
Sindku